**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Distrett Naxxar**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paolo Camilleri**

**Illum, 25 ta' April, 2022.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Paolo Camilleri bil-karta tal-identità numru 20156M, li permezz tagħha ġie akkużat talli fid-19 ta' Frar 2019, għall-ħabta ta' 06.00hrs ġewwa għalqa magħrufa bħala Tad-Dukkiena', Triq is-Salina, Naxxar, u kif ukoll ġewwa dawn il-gżejjer, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorità tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew fixkel lil Giuseppi Camilleri u Yvonne Camilleri fil-pusses ta' ħwejjiġhom jew ħatt bini, jew kisser il-mixi tal-ilma għalihom, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat l-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

**WPC 78 R Ciantar** xehdet li fid-19 ta' Frar 2019, għall-ħabta tal-5.00pm, irraportaw fl-Għassa Giuseppe Camilleri u Yvonne Camilleri, fejn dawn stqarrew li għandhom żewġ għelieqi magħrufa bħala Tad-Dukkiena, li jinsabu fi Triq is-Salina, Naxxar, u li fis-27 ta' Diċembru 2018, Giuseppe kien żeragħha bil-qamħ. Spjegat li s-Sinjuri Camilleri komplew jgħidu li dakinhar stess għall-ħabta tal-4.00pm, xħin marru fl-għelieqi, sabu li dawn kienu ġew maħruta bi *tractor* kbir. Spjegat li l-kwerelanti qalu wkoll, li l-aħħar li kienu raw l-għelieqi bil-qamħ kien fit-18 ta' Frar 2019, għall-ħabta tal-5.00pm. Spjegat li Giuseppe qal li meta ra l-cameras li għandu, kien ra lil ħuh, Paolo Camilleri, ħiereġ mill-għelieqi bi *tractor*.

Spjegat li fit-23 ta' Frar 2019, għall-ħabta ta' 13.30hrs, Giuseppe Camilleri reġa' mar l-Għassa, fejn qal li meta ċċekkja l-filmat bir-reqqa, ra lil ħuh Paolo, qabel tlugħ ix-xemx, bi tractor personali tiegħu, ħiereġ mill-għalqa u dieħel f'oħra. Spjegat li Giuseppe qal li dawn l-għelieqi kienu mqabbla għandu. Sostniet li Giuseppi ma salva l-ebda prodott milli kellu miżrugħ. Kompliet tispjega li fit-3 ta' Marzu 2019, għall-ħabta ta' 14.30hrs, ġie mtikellem Paolo Camilleri, fejn wara li ngħata d-drittijiet tiegħu u rrifjuta dan id-dritt, huwa

wieġeb li l-għelieqi kien ħarathom hu stess kif jagħmel is-soltu, u ilu jagħmel hekk għal dawn l-aħħar tletin sena għaliex huma tiegħu.

**James Gauci in rappreżentanza tal-Paying Agency** xehed li l-għalqa bin-numru NXR4877275, kienet irreġistrata minn Paul Camilleri mill-11 ta' Awwissu 2003, sat-3 ta' Awwissu 2016, u l-għalqa bin-numru NXR 487761 kienet ukoll irreġistrata fuq Paul Camilleri fl-istess perijodu ta' żmien. Spjega li dawn tneħħew minn fuq Paul Camilleri għaliex hemm kontestazzjoni da parti ta' Giuseppe Camilleri. Sostna li l-partijiet ikunu jistgħu jipproċedu bi proċeduri ta' arbitraġġ. Spjega li ħadd ma hu qed jieħu sussidju. Ikkonferma li r-reġistrazzjoni ssir biss għal fini ta' sussidju.

In kontroeżami, huwa spjega li sa 2016, l-art kienet irreġistrata fuq Paolo Camilleri. Kienet ilha hekk reġistrata mill-2003. Ikkonferma li l-Paying Agency bdiet fis-sena 2003. Il-Paying Agency inħolqot meta Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea biex jingħata s-sussidju.

In rieżami, huwa spjega li mill-2016 lil l'hawn, ħadd ma jista' jirreġistra ismu fuq din l-għalqa. Spjega li uffiċjali jmorru jiċċekjaw jekk l-għalqa tinħadimx, f'każ li din tkun ġiet irreġistrata f'isem xi ħadd. Sostna li l-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni solitament jagħlqu fil-15 ta' Mejju ta' kull sena.

In kontroeżami, huwa sostna li meta ssir kontestazzjoni, jittieħed ġurament quddiem nutar. Spjega li f'dan il-każ, it-tnejn ħadu ġurament li qed jaħdmu l-għalqa, u għalhekk, din l-għalqa ġiet iffriżata għal dak li għandu x'jaqsam ma' reġistrazzjoni. Ikkonferma li kull sena trid issir applikazzjoni għas-sussidju.

F'seduta oħra, l-istess xhud spjega li l-għalqa ġiet imneħħija minn fuq isem Paul Camilleri fit-3 ta' Awwissu 2016, minħabba li kien hemm kontestazzjoni bejnu u bejn persuna oħra.

In kontroeżami, huwa rega' spjega li saret kontestażżjoni fejn ittiehed gurament li l-għalqa qed tinhadem minn Giuseppe Camilleri.

F'seduta ohra, James Gauci rega' xehed, fejn ippreżenta dikjarazzjoni ġuramentata li kienet saret mal-kontestazzjoni. Ikkonferma li l-firma fuq it-tielet paġna hija ta' Giuseppe Camilleri. Ikkonferma li sa issa, l-għalqa mhi reġistrata fuq ħadd.

**Giuseppe Camilleri** xehed li din il-kawża tirrigwarda l-art immarkata fuq Dok SS1. Sostna li l-qbiela kienet fuq missieru fl-2009. Fl-2010, inħareġ ċertifikat mill-Joint Office fuq ismu, u baqgħet hekk tinħareġ f'ismu. Sostna li f'dan l-inċident, saret ħsara lil żewġ għelieqi mimlija qamħ. Sostna li r-raba' ġiet fuq ismu fl-2010. Huwa sostna li beda jaħdimha fl-2014, u baqa' dejjem jaħdimha hu. Sostna li l-għelieqi li għandu Pawlu, kienu kollha ħaxix ħażin, mentri tiegħu kienu tapit, u għalhekk Paolo Camilleri għer għalih. Spjega li huwa kien ineħħi l-ħaxix hażin minn din l-għalqa. Sostna li l-qamħ jinħasad f'Mejju, Ġunju jew Lulju. Spjega li mbagħad, l-għalqa tkun trid tiġi ppreparata. Sostna li huwa kien qed jiżra' din ir-raba', qamħ fuq qamħ.

In kontroeżami, huwa kkonferma li l-irċevuti tal-qbiela qegħdin fuq ismu. Ikkonferma li l-familja tagħhom għandha ħafna raba'. Huwa ċaħad li hemm raba' li jaħdem huwa stess iżda li l-irċevuta tal-qbiela qiegħda fuq isem ħuh. Ikkonferma li huwa kien bagħat ittra lil ħuh sabiex dan joħroġ mir-razzett kollu. Sostna li fl-2014, Paolo Camilleri kien ġià ħareġ minn din l-għalqa. Ikkonferma li din hija l-istess raba' li kien hemm kawża fuqha, li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ġie kkonfermat, li Paolo Camilleri kien jaħdem din ir-raba'.

F'seduta oħra, huwa xehed li Dok CG1 juri lilu jiżra' l-qamħ għal habta ta' Diċembru 2018, jew daqsxejn qabel. Spjega li hemm, CG2 juri li l-qamħ kiber u beda tiela'. Spjega li dak ir-ritratt ittieħed fit-18 ta' Frar 2019. Kompla jgħid li mbagħad, hemm ritratti meħuda fid-19 ta' Frar 2019, fejn jidher li kollox kien ġie mkisser. Spjega li fil-5.00 ta' filgħodu, kien għadu dlam. Sostna li l-bniedem li hemm fuq it-tractor, huwa ħuh, Paolo Camilleri. Sostna li mill-cameras, l-għelieqi in kwistjoni ma jidhrux. Spjega li jaf li daħal xi ħadd f'xi l-

4 ta' filgħodu, għax niżel bid-dawl mitfi, u għalhekk, il-camera ma qabditux. Spjega li xħin kien qed jaħrat, kellu jinxtegħel id-dawl.

In kontroeżami, huwa spjega li l-camera ġġib id-daħla ta l-għelieqi. Sostna li huwa ra lil Pawlu dieħel, mentri Leli baqa' fil-biċċa tal-komun bejn l-għelieqi. Meta ġie mistoqsi jekk jistax jeskludi li kien Leli li ħarat l-għalqa, huwa nsista li Pawlu daħal gol-għalqa, u Pawlu kien qed isuq it-*tractor*. Sostna li Leli qatt ma uża t-*tractor* ta' Pawlu. Ikkonferma li l-cameras ma jurux x'ġara ġol-għalqa. Kulma tidher, id-daħla u l-entratura.

**Emanuel Camilleri** identifika l-art mertu tal-kawża u sostna li dawn l-għelieqi huma ta' ħuh Pawlu, u ilu jaħdimhom 'il fuq minn 30 sena. Spjega li dawk l-għelieqi, missieru kien tahom lil Pawlu. Spjega li huwa l-ħin kollu ma' ħuh f'din ir-raba', u jaħdmuh ma' xulxin. Għalhekk jiċħad li dawn l-għelieqi jinħadmu minn xi ħadd ieħor. Qal li huwa jmur jittawwal ta' spiss f'dawn l-għelieqi. Sostna li ġieli qabad u daħal ħuhom Giuseppe, u mbagħad ikollhom imorru jagħmlu rapport. Spjega li din ir-raba', Paolo dejjem kien jiżra' xi ħaġa fihom, iżda kien hemm perijodu fejn isserraħ ukoll ir-raba', billi jħalliha maħruta biss.

In kontroeżami, huwa spjega li ma jafx x'kien hemm f'dawn l-għelieqi bejn Diċembru tal-2018 u Frar tal-2019. Baqa' jinsisti li dawn l-għelieqi dejjem jinħadmu u jinħartu.

In rieżami, huwa kkonferma li kemm ilha f'idejn Paolo, din il-biċċa art qatt ma tħalliet żdingata. Ġieli tħalliet miżrugħa, u ġieli tħalliet mistrieħa, iżda qatt żdingata. Ikkonferma li meta l-art tkun mistrieħa, xorta jieħdu sussidju.

**Paolo Camilleri** xehed li dawn l-għelieqi ndikati fuq il-pjanta eżebita, ilu jaħdimhom fuq tletin sena. Sostna li dawn irreġistrati fuq ismu mal-ARPA. Ikkonferma li dawn l-għelieqi già kellhom kawża fuqhom. Insista li missieru kien ta din ir-raba' lilu. Insista li ħadd ma ħadem l-għalqa ħlief hu.

In kontroeżami, huwa spjega li huwa daħal jaħrat l-għalqa tiegħu bit-*tractor*. Sostna li fil-ġurnata tad-19 ta' Frar 2019, huwa ma jafx jekk kinx daħal jaħrat din l-għalqa. Ikkonferma li ġieli kien jiżra', u ġieli ma kinx, f'dawn l-għelieqi. Sostna li Giuseppi kien ħarat il-qamħ li kien żera' hu stess. Huwa sostna li dati ma jafx, imma li huwa ċert li din l-għalqa dejjem kienet fil-pussess tiegħu, għax missieru tahielu.

**Ikkunsidra:**

Dwar ir-reat ta' ragion fattasi, fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Spiru Bartolo, nhar id-disgħa (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), inqtal hekk:

> *"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 talKodici Kriminali huma erbgha u cioe':-*
> *(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*
> *(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;*
> *(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika; u*
> *(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95] ; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn)."*

Dwar l-att estern li jissemma fl-ewwel rekwiżit sabiex tissussisti din l-imputazzjoni, il-Qorti fliet il-provi miġbura, kif ukoll rat bir-reqqa ż-żewġ filmati li ġew eżebiti fl-atti proċesswali, u li jinsabu kontenuti fid-DVD ippreżentat man-nota tat-2 ta' Mejju 2019.

Minn dawn il-filmati, għalkemm jidher *tractor*, la jidher min hu x-xufier tiegħu, u lanqas jidher min hu t-tieni persuna, li f'ċertu punt mar ikellem lis-sewwieq tat-*tractor*. Mill-filmati, lanqas jidher fejn daħal it-*tractor* u x'għamel it-*tractor*. Għalkemm, il-kwerelant sostna li huwa għaraf li t-*tractor* kien tal-

imputat, u li l-persuna li kienet marret tkellem lill-imputat, kien ħuh l-ieħor Leli, l-istess kwerelant ammetta li l-camera li ġibdet dan il-filmat, turi biss d-daħla u l-ħruġ tal-għelieqi in kwisjtoni, u ma turix l-għelieqi nfushom. L-istess kwerelant ukoll ikkonferma, li huwa ma rax b'għajnejh l-inċident iseħħ, iżda kull ma jaf hu, li huwa ħalla l-għelieqi mimlija tapit ta' qamħ sabiħ, u meta reġa' mar, sab ħerba sħiħa, bil-konsegwenza li ma seta' jsalva xejn minn dak li kien allegatament żera'.

Għaldaqstant, mill-provi kif imressqa, din il-Qorti tqies li ma tressqux provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li kien proprju l-imputat li dakinhar tal-inċident, daħal u ħarat l-għelieqi in kwistjoni, u ċioè li għamel dan l-att estern li dwaru sar ir-rapport mill-kwerelanti. Fix-xhieda mogħtija minnu, l-imputat sostna li huwa dejjem kien jaħdem u jaħrat dawn l-għelieqi, iżda ma setax jiftakar dati. Sostna wkoll li kien hu biss, li dejjem ħadem din ir-raba'. Huwa minnu li skont l-affidavit ta' WPC 78, l-imputat, wara li ngħata d-drittijiet tiegħu, sostna li l-għelieqi kien ħarathom kif jagħmel is-soltu, għax huma tiegħu. Madanakollu, din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq dak hekk irrapportat minn WPC 78, peress li ma tressqitx l-ebda prova dokumentarja li l-imputat ingħata d-drittijiet tiegħu, u li huwa għażel li jirrinunzja għalihom. In fatti, f'dan il-proċess, ma ġiet eżebita l-ebda dikjarazzjoni ta' rinunzja għad-drittijiet da parti tal-imputat. Per konsegwenża, din il-Qorti sejra tiskarta dak li ġie rraportat minn WPC 78 bħala l-verżjoni mogħtija mill-imputat a tempo vergine.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il_Qorti sejra tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.

In vista tar-raġunijiet fuq sottomessi, din il-Qorti tqies li ma għandhiex għalfejn toqgħod teżamina, min effettivament kellu l-pussess ommeno ta' dawn l-għelieqi mertu ta' din il-kawża, ġialadarba kif ġià ġie osservat, ma tressqux provi sodisfaċenti dwar min effettivament ikkommetta dan l-allegat tkissir f'dawn l-għelieqi.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi ma ssibx ħtija fl-imputat, filwaqt li qed tilliberah minn kull kundanna u ħtija.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**